**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Mejju 2023**

Rikors Numru: 24/23 AL

A B

vs

C D B

(M.R. Numru 2030/1991)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi il-partijiet izzewwgu fil-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) gewwa l-Isla u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tar-registrazzjoni 2030/1991 hawn anness u mmarkat bhala Dok. CA1;

2. Illi il-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia fil-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) hawn anness u mmarkat bhala Dok. CA2;

3. Illi minn dan iż-żwieg taghhom il-partijiet kellhom tifla illi mietet tragikament;

4. Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn sentejn;

5. Illi r-rikorrenti jiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment;

6. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghalxiex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet illi hija taqbel mat-talbiet kif dedotti b’dan illi hija m’ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ Jannar 2023;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi biex zwieg jigi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mill-15 ta' Dicembru 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.